KUNSILL PONTIFIĊJU TAL-FAMILJA

# VADEMECUM GĦALL-KONFESSURI DWAR XI ASPETTI TAL-MORALITÀ FIL-ĦAJJA TAL-MIŻŻEWĠIN

## Preżentazzjoni

Kristu qed ikompli, permezz tal-Knisja tiegħu, il-missjoni li fdalu l-Missier. Hu bagħat lit-*Tnax* biex iħabbru s-Saltna ta' Alla u jistiednu lin-nies għall-indiema u għall-konverżjoni, għall-*metanoia* (ara Mk 6, 12). Kristu, wara li qam mill-imwiet, tahom f'idejhom is-setgħa tiegħu ta' rikonċiljazzjoni: "Ħudu l-ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom, ikunu maħfura" (Ġw 20, 22-23). Bit-tiswib ta' l-Ispirtu s-Santu, mogħti minn Kristu, il-Knisja tkompli xxandar l-Evanġelju, tistieden lin-nies ħa jikkonvertu, u tamministra s-Sagramenti għall-maħfra tad-dnubiet, biex hekk il-midinbin, niedma u sogħbiena, jiksbu mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla u mal-Knisja, u jaraw miftuħa quddiemhom it-triq tas-salvazzjoni.

Dan il-*Vademecum* jaf il-bidu tiegħu lis-sensibbiltà pastorali partikulari tal-Papa, li ried jafda t-tħejjija ta' din l-għajnuna għall-konfessuri lill-Kunsill Pontifiċju tal-Familja. Mill-esperjenza tiegħu, kemm ta' saċerdot u kemm ta' Isqof, il-Papa għaraf l-importanza ta' direttivi ċari u żguri li fuqhom iridu jimxu l-ministri tas-Sagrament tar-*Rikonċiljazzjoni* fid-djalogu tagħhom ma' l-erwieħ. L-għana tat-tagħlim tal-Maġisteru tal-Knisja dwar żwieġ u familja, b'mod speċjali wara l-Konċilju Vatikan II, wera l-ħtieġa ta' sintesi mill-aħjar dwar *xi problemi ta' moralità fil-ħajja taż-żwieġ.*





Jekk fil-qasam tat-tagħlim u d-duttrina tagħha, il-Knisja taf fis-sod u b'mod tajjeb ħafna x'jitlob is-Sagrament tal-Penitenza, ma nistgħux niċħdu li beda jinħoloq ċertu vojt, meta wieħed jiġi biex iwettaq fil-prattika pastorali dan it-tagħlim kollu. It-tagħlim dottrinali hu l-pedament li fuqu jimbena dan il-"Vademecum", u mhux dmir tagħna li hawn intennu din id-duttrina, għalkemm qed tiġi mfakkra f'ħafna passi ta' dan il-"Vademecum". Nafu sewwa l-għana kollu li l-enċiklika *Humanae Vitae* tat lill-komunità nisranija, għana li mbagħad ġie mdawwal mill-enċiklika *Veritatis Splendor* u mill-Eżortazzjonijiet Appostoliċi *Familiaris Consortio* u *Reconciliatio et Paenitentia.* Nafu wkoll li l-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* tana ġabra fil-qosor, b'mod effettiv u sintetiku, tat-tagħlim tal-Knisja fuq din il-materja.

"Il-missjoni naturali tal-Knisja... hi dik li tqanqal qlub il-bnedmin għall-konverżjoni u l-indiema biex imbagħad tagħtihom id-don tar-rikonċiljazzjoni. Dan id-dmir ma taqdihx biss b'għadd żgħir ta' affermazzjonijiet teoretiċi, u lanqas b'xi sura ta' ideal etiku li tqiegħed quddiem il-bniedem, mingħajr ebda ħidma biex dan l-ideal iseħħ bil-fatti; dan id-dmir il-Knisja taqdih permezz ta' ċelebrazzjonijiet ministerjali bil-għan li jseħħu tassew il-penitenza u r-rikonċiljazzjoni" (Eżortazzjoni Appostolika *Reconciliatio et Paenitentia).*

Hu pjaċir tagħna li nagħtu f'idejn is-saċerdoti dan id-dokument, li tħejja fuq talba tal-Papa, bl-għajnuna u l-kollaborazzjoni ta' professuri tat-teoloġija, ta' l-affari tagħhom, u ta' xi kappillani wkoll.

Inroddu ħajr lil dawk kollha li taw sehemhom biex jitħejja dan id-dokument. B'mod speċjali nroddu ħajr lill-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi u lill-Penitenzjerija Appostolika.

# Daħla

## L-għan ta' dan id-dokument

Il-familja, skond il-Konċilju Vatikan II, hi s-*santwarju domestiku tal-Knisja* u l-"ewwel ċellula vitali tas-soċjetà"(1), u hi oġġett privileġġjat tal-ħidma pastrali tal-Knisja. "F'dan il-mument tal-ġrajja tal-bniedem, li fih il-familja qed tintlaqat minn ħafna qawwiet li jridu jeqirduha jew b'xi mod iħassruha, il-Knisja, għax tagħraf li l-ġid tas-soċjetà u l-ġid tagħha għandhom rabta intima mal-ġid tal-familja, qed tagħraf u tħoss li l-missjoni l-aktar urġenti u l-aktar impenjattiva tagħha hi dik li tħabbar lill-popli kollha l-pjan ta' Alla għaż-żwieġ u l-familja" (2).

F'dawn l-aħħar snin, il-Knisja, permezz tal-kelma tal-Papa u b'kampanja spiritwali kbira ta' kappillani u ta' lajċi, żiedet sewwa l-ħerqa tagħha biex tgħin lill-komunità kollha ta' l-insara ħa jqisu b'ħajr u fidi sħiħa d-don mogħti minn Alla lill-irġiel u n-nisa marbutin bis-Sagrament taż-Żwieġ, biex ikunu jistgħu jaslu għall-mixja vera ta' qdusija, u jagħtu xhieda tassew evanġelika f'kull qagħda ta' ħajja bil-fatti li fiha jsibu ruħhom.

Is-Sagrament ta' l-Ewkaristija u s-Sagrament tal-Penitenza għandhom sehem fondamentali fil-mixja lejn il-qdusija fiż-żwieġ u fid-dar. L-Ewkaristija ssaħħaħ l-għaqda ma' Kristu, l-għajn ta' kull grazzja u ħajja, u l-Penitenza terġa' tibni dak li jkun iġġarraf, jew tkattar u tipperfezzjona l-għaqda fiż-żwieġ u fil-familja (3) mhedda u miġruħa mid-dnub.

Jekk il-miżżewġin iridu li jkollhom l-għajnuna biex jagħrfu x'inhi t-triq tal-qdusija tagħhom u kif għandhom jaqdu l-missjoni tagħhom, jeħtieġ fondamentalment li jkollhom kuxjenza formata, u li jagħmlu r-rieda ta' Alla fil-qasam speċifiku tal-ħajja taż-żwieġ, jiġifieri fir-rabta tagħhom bħala miżżewġin, u fil-qadi tagħhom għall-ħajja. Id-dawl ta' l-Evanġelju u l-grazzja tas-Sagrament huma ż-żewġ elementi li ma tistax tgħaddi mingħajrhom, biex l-imħabba fiż-żwieġ togħla u tilħaq il-milja kollha tagħha, imħabba li għandha l-bidu tagħha f'Alla l-Ħallieq. Dan għaliex





il-Mulej "ried jagħti doni speċjali ta' grazzja u ta' mħabba divina lill-għaqda fiż-żwieġ, ġeddidha, ipperfezzjonaha u għollieha"(4).

Il-mument li fih il-miżżewġin jitolbu u jirċievu s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni hu fatt salvifiku ta' importanza liema bħalha biex wieħed jaċċetta dak li titlob l-imħabba vera u dak li jitlob il-pjan ta' Alla fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Hi okkażjoni li ddawwalhom tassew biex jagħrfu aktar fil-fond il-fidi tagħhom, u jkollhom għajnuna bil-fatti ħalli jagħmlu l-pjan li Alla għandu għal ħajjithom.

"Hu s-Sagrament tal-Penitenza jew tar-Rikonċiljazzjoni li jħejji t-triq għal kull individwu, ukoll għal dawk li huma mtaqqlin bi ħtijiet kbar. F'dan is-Sagrament kull persuna jkollha esperjenza ta' ħniena b'mod li ma jkunx hemm ieħor bħalu, jiġifieri, l-imħabba li hi aktar qawwija mid-dnub"(5).

L-amministrazzjoni tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni hi fdata f'idejn il-ministeru tas-saċerdoti: għalhekk dan id-dokument hu miktub b'mod speċifiku għall-konfessuri u jrid joffrilhom xi direttivi prattiċi fil-qrar u l-assoluzzjoni ta' nsara bi problemi ta' kastità fiż-żwieġ. B'mod aktar speċifiku, dan il-*Vademecum ad praxim confessariorum* irid iservi wkoll bħala riferenza għall-penitenti miżżewġin biex minnu jiksbu vantaġġi aqwa għalihom mis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, u jgħixu l-vokazzjoni tagħhom ta' paternità responsabbli fil-ħarsien tal-liġi ta' Alla, mgħallma b'awtorità sħiħa mill-Knisja. Għandu jservi wkoll bħala għajnuna għal dawk li qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ.

Il-problema ta' tnissil responsabbli hu punt mill-aktar delikat fit-tagħlim morali kattoliku dwar il-ħajja fiż-żwieġ. Dan jidher b'mod speċjali fl-amministrazzjoni tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, fejn it-tagħlim dottrinali jħabbat wiċċu ma' qagħdiet umani konkreti u mal-ħajja spiritwali ta' l-individwu li jemmen. Fil-fatt, sar meħtieġ li jkunu mfakkra sewwa ċerti punti tat-tagħlim li wieħed irid iżommhom quddiemu meta, fil-ħidma pastorali tiegħu jsib quddiemu sistemi ġodda ta' kontraċettivi u jara dan il-fenomenu dejjem aktar isir serju(6). Dan id-dokument m'għandux il-ħsieb li jtenni t-tagħlim kollu ta' l-enċiklika *Humanae Vitae*, ta' l-Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* u ta' dokumenti oħra tal-Maġisteru ordinarju tal-Papa, imma għandu biss il-ħsieb li jagħmel suġġerimenti u jagħti direttivi għall-ġid spiritwali ta' l-insara li jersqu għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, u jegħelbu xi nuqqas ta' qbil u xi inċertezzi li jista' jkun hemm fil-prattika tal-konfessuri.

## Il-kastità fiż-żwieġ u t-tagħlim tal-Knisja

It-tradizzjoni nisranija dejjem għallmet it-tjieba u l-onestà tar-rabta taż-

żwieġ u tal-familja kontra tant u tant ereżiji li xterrdu sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja. Iż-żwieġ riedu Alla sa mill-istess ħolqien, Kristu reġa' wasslu għal dak li kien fil-bidu u għollih għad-dinjità ta' *Sagrament;* iż-żwieġ hu għaqda intima fl-imħabba u l-ħajja tal-miżżewġin, għaqda fiha nfisha diretta għall-ġid ta' l-ulied li Alla jkun jixtieq jafdalhom. Kemm minħabba l-ġid tal-miżżewġin stess u kemm għall-ġid ta' l-ulied, kif ukoll għall-ġid ta' l-istess soċjetà, ir-rabta naturali taż-żwieġ ma tiddependix aktar minn deċiżjoni tal-bnedmin [7].

Il-virtà tal-kastità fiż-żwieġ tħaddan "l-integrazzjoni tal-persuna u l-integralità tad-don"[8]; permezz ta' din il-virtù "s-sesswalità ssir personali u verament umana meta ssib postha fir-relazzjoni ta' persuna ma' oħra fl-għoti ta' raġel u mara lil xulxin bħala don sħiħ u għal għomorhom."[9]. Din il-virtù, meta hi dwar ir-relazzjonijiet intimi bejn il-miżżewġin, titlob li tifsira sħiħa ta' l-għoti lil xulxin u tat-tnissil ta' bniedem b'għemilhom ta' mħabba vera, [10] dejjem tinżamm. Mela, fost il-prinċipji fondamentali u morali tal-ħajja taż-żwieġ, jeħtieġ li jkun hemm "dik ir-rabta li ma tista' tiġi nieqsa qatt, u li Alla riedha u li ebda bniedem ma jista' jiksirha minn rajh, bejn iż-żewġ tifsiriet ta' l-att taż-żwieġ: it-tifisira unitiva u t-tifsira prokreattiva [11].

Tul dawn l-aħħar mitt sena, il-Papiet ħarġu ħafna dokumenti li jfissru l-veritajiet morali ewlenin tal-kastità fiż-żwieġ. Fost dawn id-dokumenti ta' min isemmi l-Enċiklika *Casti Connubii* (1930) tal-Papa Piju XI [12], il-ħafna diskorsi tal-Papa Piju XII [13], l-Enċiklika *Humanae Vitae* (1968) tal-Papa Pawlu VI [14], l-Eżortazzjoni Appostolika *Familiaris Consortio* (1981)[15], l-Ittra lill-Familji *Gravissimum Sane* [16] u l-Enċiklika *Evangelium Vitae* (1995) tal-Papa Ġwann Pawlu II. Flimkien ma' dawn ta' min isemmi wkoll il-Kostituzzjoni Appostolika *Gaudium et Spes* [17] (1965) u l-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992)[18]. Huma importanti wkoll, bi qbil ma' dan it-tagħlim kollu, xi dokumenti tal-Konferenzi Episkopali u l-kitbiet ta' xi isqfijiet u teoloġi li żviluppaw il-materja u daħlu aktar fil-fond fl-għarfien tagħha. Irridu nsemmu wkoll l-eżempju ta' tant miżżewġin li, bl-impenn tagħhom li jgħixu l-imħabba umana bħala nsara, qed jagħtu kontribut mill-aqwa fl-evanġelizzazzjoni ġdida tal-familja.

## Il-"Ġid" taż-żwieġ u l-għoti tiegħek innifsek

Permezz tas-Sagrament taż-Żwieġ, il-miżżewġin jirċievu mingħand Kristu l-Feddej id-don tal-grazzja li twettaq u tgħolli x-xirka ta' l-imħabba li ma tiġi nieqsa qatt u tagħti kotra ta' frott. Il-qdusija li għaliha l-miżżewġin huma msejħa hi fuq kollox *grazzja mogħtija.*

Dawk li huma msejħin biex jgħixu ħajja fiż-żwieġ, jgħixu l-vokazzjoni





tagħhom għall-imħabba [19] bl-għoti sħiħ lil xulxin, għoti li jfisser b'mod mill-aħjar il-lingwaġġ tal-ġisem [20]. Mill-għoti lil xulxin tal-miżżewġin, johroġ bħala frott id-don tal-ħajja lill-ulied, li huma sinjal u kuruna ta' l-imħabba tagħhom ta' miżżewġin, [21].

Il-kontraċezzjoni, li hi kollha kemm hi kuntrarja għall-għoti tal-ħajja, hi tradiment ta' l-imħabba proprja taż-żwieġ li titlob li l-miżżewġin jissagrifikaw ruħhom għal xulxin[22]; hi ta' ħsara wkoll għax tbiddel il-valur ta' l-għoti sħiħ tiegħek innifsek, u tmur kontra l-pjan ta' Alla, li fih lill-miżżewġin ingħata li jieħdu sehem[23].

## NOTI:

1. *Apostolicam actuositatem,* n. 11.
2. *Familiaris Consortio,* n. 3.
3. *Ibid.,* n. 58.
4. *Gaudium et Spes* n. 49.
5. *Dives in misericordia,* n. 13.
6. Ma għandniex ninsew li ħafna prodotti farmaċewtiċi ġodda jistgħu jġibu abort. Ara l-enċiklika *Evanġelium vitae,* n. 13.
7. Ara *Gaudium et Spes,* n. 48.
8. *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 2337.
9. *Ibid.*
10. *Gaudium et Spes* n. 51.
11. *Humanae Vitae,* n. 12.
12. Enċiklika *Casti Connubii,* 1 ta' Diċembru 1930.
14. Diskors tal-Papa Piju XII fil-Kungress ta' l-Għaqda Kattolika tal-Qwiebel Kattoliċi, 2 ta' Ottubru 1951; Diskors lill-"Fronte della Famiglia" u lill-Assoċjazzjonijiet tal-Familji Numerużi, 27 ta' Novembru 1951.
15. Eżort., App. *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembreu 1981.
16. Ittra lill-Famiji *Gravissimum Sane* 2 ta' Frar 1994.
17. Konċ. Vat. II, Kost past. *Gaudium et Spes* 7 ta' Diċembru, 1965.
18. *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 11 ta' Ottubru, 1992.
19. *Gaudium et Spes,* n. 24.
20. *Familiaris Consortio,* n. 32.
21. *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* n. 2378; *Gravissimum Sane* n. 11.
23. *Familiaris Consortio,* n. 32.

# Vademecum għall-Konfessuri

Dan il-*Vademecum* huwa ġabra ta' proposizzjonijiet li l-konfessuri jridu jżommu dejjem quddiemhom huma u jamministraw is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, biex ikunu jistgħu jgħinu aħjar lill-miżżewġin ħa jgħixu l-vokazzjoni tagħhom ta' missirijiet u ta' ommijiet f'sura nisranija, skond iċ-ċirkostanzi personali u soċjali tagħhom.

## 1. Il-Qdusija taż-Żwieġ

1. L-insara kollha għandhom ikunu mħejjija b'mod xieraq biex jintebħu bis-sejħa tagħhom għall-qdusija. L-istedina għall-mixi wara Kristu saret lil kull nisrani u lill-insara kollha flimkien u trid twassal għall-milja tal-ħajja nisranija u għall-perfezzjoni fl-imħabba, kull wieħed skond l-istat tiegħu [23].

2. L-imħabba hi r-ruħ tal-qdusija. Min-natura tagħha stess, l-imħabba – id-don li l-Ispirtu jsawwab fi qlubna – tiegħu l-imħabba umana u tgħolliha ħa jkollha l-ħila tagħti lilha nfisha bħala don perfett. L-imħabba twassal biex iċ-ċaħdiet jiġu aċċettati aktar malajr, tagħmel aktar ħafifa l-ġlieda tar-ruħ, u aktar ħieni l-għoti sħiħ lil xulxin [24].

3. Il-bnedmin ma jistgħux jaslu għall-għoti sħiħ u perfett tagħhom infushom bil-ħila tagħhom biss. Jaslu għal dan bil-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt, hu Kristu li juri l-verità oriġinali taż-żwieġ u għamel il-bniedem, ħieles mill-ebusija tal-qalb, kapaċi jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu b'mod perfett [25].

4. Fit-triq tal-qdusija, in-nisrani jħoss kemm id-dgħufija tal-bniedem u kemm it-tjieba u l-ħniena tal-Mulej. Għalhekk il-qofol tat-tħarriġ fil-virtujiet insara – u għalhekk tal-kastità fiż-żwieġ ukoll – jimbena fuq il-fidi li biha nintebħu bil-ħniena ta' Alla u fuq l-indiema li bl-umiltà kollha tikseb il-maħfra ta' Alla [26].

5. Il-miżżewġin jagħtu l-għoti sħiħ tagħhom infushom fiż-żwieġ u fl-att taż-żwieġ u, għall-insara, dan jieħu l-ħajja mill-grazzja tas-Sagrament. Ir-rabta speċifika tagħhom u l-għoti tal-ħajja huma l-ħidmiet proprji tal-qdusija taż-żwieġ tagħhom [27].

## 2. It-tagħlim tal-Knisja u t-tnissil responsabbli

1. Trid titqawwa fil-miżżewġin il-fehma tagħhom tal-valur inestimabbli u ta' l-għożża tal-ħajja tal-bniedem, u għandhom isibu għajnuna biex jimpenjaw ruħhom ħalli jagħmlu l-familja tagħhom santwarju ta' ħajja [28]. *Alla nnifsu hu preżenti fil-paternità u l-maternità umana* b'mod għal kollox differenti mill-mod kif inhu preżenti f'okkażjonijiet oħra ta' tnissil "fuq l-art" [29].

2. Il-ġenituri għandhom iqisu l-missjoni tagħhom bħala missjoni ta' ġieħ u ta' unur u ta' responsabbiltà wkoll, għaliex huma jissieħbu mal-Mulej biex iġibu fid-dinja persuna umana, maħluqa fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla, mifdija u, fi Kristu, iddestinata għal ħajja ta' hena bla tmiem [30]. "Hu proprju din il-ħidma ta' tisħib ma' Alla *li twassal ix-xbieha ta' Alla fi ħlejqa ġdida,* li naraw il-kobor tal-miżżewġin lesti biex jissieħbu fl-imħabba tal-Ħallieq u tal-Feddej li permezz tagħhom minn jum għall-ieħor ikabbar u jagħni l-familja tiegħu" [31].

3. Minn dan jiġu l-ferħ u l-istima nisranija għall-paternità u l-maternità. Fid-dokumenti tal-Knisja ta' dan l-aħħar il-paternità qed tissejjaħ *paternità responsabbli* biex jidħru sewwa l-għarfien u l-ġenerożità li għandhom juru l-miżżewġin fil-missjoni tagħhom ħa jagħtu ħajja ġdida li fiha nnifisha għandha valur għall-eternità, u fid-dmir tagħhom ta' edukaturi. Żgur hu dmir il-miżżewġin – li f'dan għandhom ifittxu pariri adatti – li jaħsbu sewwa u bi spirtu ta' fidi x'għandu jkun il-kobor tal-familja tagħhom u jiddeċiedu kif bil-fatti dan se jilħquh, f'ħarsien sħiħ tal-kriterji morali tal-ħajja miżżewġa [32].

4. Il-Knisja dejjem għallmet li hi ħażina fiha nfisha l-kontraċċezzjoni, jiġifieri kull għemil fiż-żwieġ li jsir bil-ħsieb biex ma jkunx hemm tnissil. Dan it-tagħlim irridu naċċettawh bħala tagħlim definittiv, tagħlim li mhux se jitbiddel qatt. Il-kontraċċezzjoni hi kuntrarja għall-kastità fiż-żwieġ, hi kontrarja għall-ġid li jiġi mill-għoti ta' ħajja ġdida (l-aspett prokreattiv taż-żwieġ), u mill-għoti sħiħ lil xulxin tal-miżżewġin (l-aspett unittiv taż-żwieġ), hi ta' ħsara għall-imħabba vera u tiċħad is-setgħa li Alla għandu ħa tiġi fid-dinja ħajja ġdida [33].

5. Għemil ħażin, speċifiku u aktar serju, hu l-użu ta' mezzi li jwasslu għall-abort, billi ma jitħalliex embrjun fertilizzat isib postu jew ukoll jitneħħa fil-bidu tat-tqala [34].-

6. Iżda hi għal kollox differenti minn kull użu tal-kontraċettivi l-imġiba tal-miżżewġin li, waqt li jibqgħu dejjem fondamentalment mfituħin għaddon tal-ħajja, jgħixu l-intimità tagħhom fil-perijodu li minnha ma jistax ikun hemm tnissil, meta jagħżlu li jagħmlu dan għal motivi serji ta' paternità responsabbli. Dan hu kollu minnu kemm antropoloġikament u kemm moralment għax għandu l-għeruq tiegħu f'fehma differenti talpersuna u tas-sesswalità (35).

Ix-xhieda ta' miżżewġin li għal ħafna snin għexu f'armonija sħiħa malpjan tal-Ħallieq, u li, għal raġunijiet proporzjonalment serji, użaw dawn il-metodi, imsejħin sewwa metodi "naturali" turi li l-miżżewġin jistgħu jgħixu l-kastità u l-ħajja fiż-żwieġ bi ftehim sħiħ bejniethom u b'għoti sħiħ lil xulxin.

## 3. Direttivi pastorali għall-konfessuri

1. Fir-relazzjonijiet tagħhom mal-penitenti dwar tnissil responsabbli, ilkonfessuri għandhom iżommu quddiemhom dawn l-erba' aspetti: a) leżempji tal-Mulej li "kapaċi jersaq lejn kull iben il-ħali, lejn kull miżerja tal-bniedem, u fuq kollox lejn kull sura ta' miżerja morali, ta' dnub" (36); b) mod għaqli u riservat fl-istħarriġ ta' dawn id-dnubiet; ċ) għajnuna u inkoraġġiment lill-penitenti biex jaslu ħa jkollhom indiema biżżejjed u jqerru d-dnubiet gravi kollha tagħhom; d) pariri biex, pass pass, iqanqlu lil kulħadd biex iħaddan it-triq tal-qdusija.

2. Il-ministru tar-Rikonċiljazzjoni ma għandu jinsa qatt li s-sagrament twaqqaf għall-irġiel u n-nisa li huma midinbin. Għalhekk, sakemm ma jkunx hemm prova ċara tal-kuntrarju, il-konfessur għandu jilqa' l-penitenti li jersqu jqerru u jqis li għandhom rieda tajba li jinħabba mill-ġdid ma' Alla ħanin, rieda tajba li tiġi, għalkemm mhux f'kulħadd bl-istess mod, minn *qalb niedma u sogħbiena* (Salm 50, 19) (37).

3. Meta xi penitenti ta' darba fit-tant, jersqu għall-qrar, dawk jiġifieri li jkunu ilhom ma jqerru żmien twil u juru qagħda ġenerali gravi ħafna, qabel ma wieħed jagħmlilhom mistoqsijiet diretti u konkreti dwar tnissil responsabbli u dwar il-kastità, hu meħtieġ li jdawwalhom ħa jifhmu x'inhuma dmirijiethom f'dehra ta' fidi. Hekk ikun meħtieġ, fil-każ ta' qrara xotta xotta jew magħmulha mekkanikament, li jgħin lil dawn ilpenitenti ħa jqiegħdu ħajjithom quddiem Alla, u, permezz ta' mistoqsijiet ġenerali dwar il-virtujiet u/jew id-dmirijiet skond il-qagħda personali tagħhom (38), ifakkarhom pożittivament fl-istedina għall-ħajja ta' qdusija fl-imħabba, u dwar l-importanza ta' dmirijiethom fil-qasam tat-tnissil u ta' l-edukazzjoni ta' l-ulied.

4. Meta jkun il-penitent li jagħmel il-mistoqsijiet jew jitlob kjarifikazzjoni





ta' xi punt speċifiku, il-konfessur, ukoll jekk b'mod impliċitu biss, għandu jwieġeb b'mod adatt, iżda dejjem bil-għaqal u bid-diskrezzjoni kollha (39), mingħajr qatt ma jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal kull fehma żbaljata.

5. Il-konfessur hu fid-dmir li jwissi l-penitenti dwar ksur fih innifsu gravi tal-liġi ta' Alla, u jrid jiżgura ruħu li huma tassew iridu l-assoluzzjoni u l-maħfra ta' Alla, deċiżi li jaraw sewwa mill-ġdid u jikkoreġu l-imġiba tagħhom. Il-waqgħat spiss fid-dnub tal-kontraċezzjoni fihom infushom m'humiex raġuni biex tiġi mċaħħda l-assoluzzjoni; iżda l-assoluzzjoni ma tistax tingħata meta ma hemmx biżżejjed indiema jew hi nieqsa l-fehma li ma jsirux dnubiet iżjed (40).

6. Il-penitent li jqerr regolarment għand l-istess saċerdot spiss ikun qed ifittex xi ħaġa aktar mill-assoluzzjoni biss. Il-konfessur irid ikun jaf xi tmexxija jista' jagħtih biex jgħinu jitjieb fil-virtujiet insara kollha u, għalhekk, ukoll fil-qdusija tal-ħajja tiegħu fiż-żwieġ (41). Dan żgur isir eħfef jekk ikun hemm relazzjoni ta' direzzjoni spiritwali, għalkemm ma tkunx qed tissejjaħ hekk.

7. Mill-penitent is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jitlob sogħba millqalb, stqarrija formali sħiħa tad-dnubiet mejta kollha, u fehma soda li, blgħajnuna ta' Alla, ma jidneb qatt u qatt iżjed. Ġeneralment mhux meħtieġ li l-konfessur jistħarreġ dwar dnubiet li jkunu saru minn min bl-ebda mod ma seta jkun jaf il-ħażen tagħhom (injoranza invinċibbli), jew bla ebda ħtija tiegħu żbalja dwar il-ħażen tagħhom. Għalkemm wieħed ma jkunx ħati ta' dawn id-dnubiet, il-ħażen tagħhom u d-diżordni li jġibu jibqgħu dejjem hemm. Dan jgħodd ukoll *għall-ħażen tal-kontraċezzjoni fiha nfisha*, li ddaħħal drawwa ħażina fil-ħajja fiż-żwieġ taż-żewġ miżżewġin. Jeħtieġ għalhekk li wieħed jagħmel ħiltu kollha biex jeħles il-kuxjenza morali minn dawn l-iżbalji (42), li jmorru kontra l-istess natura tal-ħajja fiż-żwieġ bħala don sħiħ.

Għalkemm wieħed ma jridx jinsa li l-formazzjoni tal-kuxjenzi għandha ssir l-ewwelnett fil-katekeżi għall-miżżewġin, sew b'mod ġenerali u sew b'mod speċifiku, hu dejjem meħtieġ li l-miżżewġin ikollhom kull għajnuna wkoll fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni biex jagħrblu lilhom infushom dwar id-dmirijiet speċifiċi tagħhom fil-ħajja taż-żwieġ. Meta l-konfessur jidhirlu li għandu jagħmel xi mistoqsijiet lill-penitent, għandu jagħmilhom bid-diskrezzjoni kollha u b'rispett sħiħ.

8. Il-prinċipju li aħjar tħalli *in buona fede* il-penitenti f'każ ta' żball ġej min injoranza invinċibbli suġġettiva fil-penitent innifsu, żgur għandu jitqies bħala validu wkoll fejn tidħol il-kastità fiż-żwieġ. Dan jgħodd kull darba li wieħed jintebaħ li l-penitent, għalkemm irid jgħix ħajja ta' fidi,

mhux lest ibiddel l-imġiba tiegħu, imma lest jibqa' aktar jidneb formalment. Iżda, f'każijiet bħal dawn, il-konfessur għandu jfittex iressaq penitenti bħal dawn biex dejjem aktar jaslu ħa jaċċettaw il-pjan ta' Alla fil-ħajja tagħhom stess, f'dak li qed jintalab minnhom, permezz ta' talb, ta' twissijiet u eżortazzjonijiet ħa jifformaw il-kuxjenza tagħhom, u bit-tagħlim tal-Knisja.

9. Il-"liġi pastorali tal-gradwalità" m'għandniex inħalltuha mal-"gradwalità tal-liġi" li twassal biex tnaqqas dak li titlob minna l-liġi; il-liġi tal-gradwalità titlob li *wieħed jinqata' għal kollox* mid-dnub flimkien *ma' mixi pass-pass 'il quddiem* sa l-għaqda sħiħa mar-rieda ta' Alla u ma' dak li titlob l-imħabba [43].

10. Min-naħa l-oħra ma jistax jiġi aċċettat li wieħed iqis bħala kriterju morali d-dgħufija proprja tiegħu. Sa mill-ewwel tħabbira tal-kelma ta' Ġesù, l-insara jaraw li ma hemm "ebda proporzjon" bejn il-liġi morali, naturali, u evanġelika, u l-kapaċità tal-bniedem. Jifhmu wkoll li l-għarfien tad-dgħufija tagħhom huwa t-triq meħtieġa u żgur li tiftaħ il-bieb tal-ħniena ta' Alla [44].

11. M'għandhiex tiċċaħħad l-assoluzzjoni sagramentali lil dawk li jindmu wara li dinbu gravament kontra l-kastità fiż-żwieġ, u juru xewqa li ma jerġgħux jaqgħu fid-dnub, minkejja l-waqgħat tagħhom. Skond duttrina approvata u l-prattika ta' tant Dutturi qaddisin u ta' tant konfessuri, ma' penitenti abitali, il-konfessur irid jevita li juri nuqqas ta' fiduċja kemm fil-grazzja ta' Alla u kemm fid-dispożizzjonijiet tal-penitent, u jitlob garanzija assoluta li m'hijiex possibbli għall-bniedem, jew imġiba mingħajr l-iċken nuqqas fil-ġejjieni [45].

12. Meta penitent juri r-rieda tiegħu li jaċċetta t-tagħlim morali, speċjalment fil-każ ta' min jersaq regolarment iqerr ta' spiss, u juri fiduċja fl-għajnuna spiritwali li jagħtih il-qrar, ħaġa tajba tnissel fih konfidenza fil-Provvidenza ta' Alla u tgħin il-penitent biex jgħarbel lilu nnifsu quddiem Alla bl-onestà kollha. Għal dan il-għan, ikun meħtieġ li wieħed jara kemm ikunu sodi r-raġunijiet li qed iwasslu għal-limitazzjoni tal-paternità u tal-maternità, u humiex leċiti l-metodi li qed jintużaw biex ma jkunx hemm twelid jew biex jiġi ffissat il-perijodu bejn twelid u ieħor.

13. Joħolqu diffikultajiet speċjali l-każijiet ta' kooperazzjoni fid-dnub meta wieħed mill-miżżewġin, għax irid, jagħmel l-att unittiv b'mod li ma jkunx hemm tnissil. L-ewwelnett irridu nagħżlu bejn kooperazzjoni fit-tifsir proprju tal-kelma u l-vjolenza jew l-impożizzjoni inġusta minn wieħed mill-miżżewġin li l-ieħor ma jistax jirreżistiha [46]. F'din il-kooperazzjoni hi permess meta jkun hemm flimkien dawn it-tliet kundizzjonijiet:





1. meta l-għemil ta' min qed jikkopera ġa mhux permess fih innifsu [47];
2. meta hemm raġunijiet proporzjonalment gravi għall-koperazzjoni mad-dnub tal-parti l-oħra;
3. meta dak li jkun qed ifittex jgħin lill-parti l-oħra biex ma jkomplix fl-imġiba tiegħu (bis-sabar kollu, bit-talb, b'imħabba u djalogu, għalkemm mhux fl-istess waqt ta' l-għemil u kull darba).

14. Barra dan hu meħtieġ li jitqies sewwa l-valur tal-koperazzjoni meta u kull darba jintużaw mezzi li jistgħu jwasslu għall-abort [48].

15. Il-miżżewġin insara huma xhieda ta' l-imħabba ta' Alla fid-dinja. Għalhekk irridu nkunu konvinti, bl-għajnuna tal-fidi u minkejja l-esperjenza tad-dgħufija tagħhom bħala bnedmin, li jistgħu jħarsu r-rieda ta' Ala fil-ħajja taż-żwieġ bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla. It-talb ta' spiss u bla heda, l-Ewkaristija u s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni huma għal kollox meħtieġa u wieħed ma jistax jgħaddi mingħajrhom biex jirbaħ lilu nnifsu [49].

16. Is-saċerdoti, fil-katekeżi tagħhom u fit-tħejjija ta' dawk li jridu jiżżewġu, huma mitlubin li jkunu uniformi fil-kriterji tagħhom dwar il-ħażen ta' għemil kontraċettiv, kemm fit-tagħlim tagħhom u kemm fil-pariri li jagħtu fil-qrar, b'fedeltà sħiħa lejn il-Maġisteru tal-Knisja.

L-Isqfijiet għandhom ikunu attenti ħafna biex jaraw x'qed isir f'din il-ħaġa, għax spiss il-fidili qed jiġu skandalizzati bin-nuqqas ta' qbil bejn is-saċerdoti, kemm fil-qasam tat-tagħlim u kemm fis-Sagrament tal-Qrar [50].

17. Id-drawwa pastorali tal-qrar tkun aktar effettiva jekk imsieħba ma' katekeżi sħiħa u dejjem sejra dwar il-vokazzjoni nisranija fil-ħajja taż-żwieġ, u fuq dak li din il-ħajja titlob bil-ferħ, fuq il-grazzja li tagħti u l-impenn li titlob [51], u jekk hemm konsulturi u ċentri, il-konfessuri jistgħu jibagħtu l-penitenti tagħhom biex jiksbu tagħrif adatt dwar metodi naturali.

18. Sabiex id-direttivi morali dwar tnissil responsabbli jiġu mħarsa fil-prattika, hu meħtieġ li l-ħidma importanti tal-konfessuri tissaħħaħ bil-katekeżi [52]. Il-kuxjenzi jridu jiġu mdawwlin sewwa dwar id-dnub ta' l-abort, u din hi parti integrali tal-katekeżi.

19. Fl-assoluzzjoni tad-dnub ta' l-abort wieħed irid joqgħod għan-normi kanoniċi. Jekk is-sogħba hi sinċiera u hi ħaġa diffiċli tibgħat lill-penitent għand min għandu l-awtorità kompetenti biex iħoll miċ-ċensura, kull konfessur jista' jassolvi skond il-kan 1357, u jissuġġerixxi għemil penitenzjali adatt, waqt li jgħarraf lill-penitent bil-ħtieġa tar-rikors, u, jekk meħtieġ, jiktibulu u jwassalulu hu stess [53].

## Għeluq

Il-Knisja, speċjalment illum, tqies bħala wieħed mid-dmirijiet ewlenin tagħha li tħabbar il-misteru tal-ħniena li ġie rivelat fi grad mill-aktar għoli fil-persuna ta' Ġesù Kristu, u twassal il-ħniena fil-ħajja (54).

L-ogħla mument li fih titħabbar u sseħħ il-ħniena hu ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Proprju f'din l-ewwel sena tat-tlitt snin ta' tħejjija għat-tielet elf sena, iddedikata lil *Kristu Ġesù, il-Feddej waħdieni tad-dinja , fl-imgħoddi, illum u għal dejjem* (ara Lhud 13, 8), tista' tkun okkażjoni kbira ħa ssir ħidma ta' tiġdid pastorali u ta' qawmien kateketiku fid-djoċesijiet, u speċjalment fis-santwarji li jżuruhom ħafna pellegrini, fejn is-Sagrament tal-maħfra jiġi ċelebrat minn għadd kbir ta' konfessuri.

Jalla ħafna saċerdoti jkunu disposti għall-qadi ta' dan il-ministeru, li minnu jiddependi l-hena ta' dejjem ta' tant miżżewġin, u li fuqu wkoll jistrieħu sewwa l-hena u l-ferħ tal-ħajja fid-dinja. Jalla s-saċerdoti jkunu għalihom xhieda ħajjin tal-ħniena ta' Alla.

*Belt tal-Vatikan, 12 ta' Frar, 1997.*

Alfonso Card. Lopez Trujillo,
President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Familja.

† Francisco Gil Hellin,
Segretarju.

## NOTI:

23. "Is-suriet u d-dmirijiet tal-ħajja huma ħafna, iżda l-qdusija hi waħda – dik il-qdusija li jfittxu dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla u jobdu leħen il-Missier u jaduraw lil Alla l-Missier fl-Ispirtu u l-verità, jimxu wara Kristu, fqir, umli u mgħobbi bis-salib, biex ikun jisthoqqilhom sehem mill-glorja tiegħu. Iżda kull wieħed, skond id-doni u d-dmirijiet li għandu jrid jimxi 'l quddiem bla tlaqliq fit-triq ta' fidi ħajja, li tqanqal it-tama u taħdem permezz ta' l-imħabba" (Konċ. Vatikan II, Kost. domm. *Lumen gentium,* 21 ta' Novembru 1964, n. 41).





24. "L-imħabba hi r-ruħ tal-qdusija" (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n. 826). "L-imħabba twassal lill-bniedem biex jikseb il-kobor sħiħ tiegħu bl-għoti tiegħu nnifsu. Tħobb ifisser tagħti u tirċievi xi ħaġa li la tista' tinxtara u lanqas tinbiegħ, imma tista' tingħata biss b'xejn minn wieħed lill-ieħor" (Ġwann Pawlu II, Ittra lill-Familji, *Gravissimum sane,* 2 ta' Frar 1994, n. 11).

25. Ara Ġwann Pawlu II, Eżort. App. *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembru 1961, n. 13.

26. "Il-ħarsien tal-liġi ta' Alla, f'ċerti okkażjonijiet, jista' jkun tqil, anzi iebes ħafna, imma qatt impossibbli. Dan minn dejjem kien it-tagħlim tradizzjonali tal-Knisja (Ġwann Pawlu II, Enċik. *Veritatis Splendor,* 6 ta' Awissu, 1993, n. 102).

27. "Ikun żball kbir tasal biex tgħid li n-norma li tgħallem il-Knisja hija biss "ideal" li mbagħad irid jiġi adattat, proporzjonalment, u jqabbel –hekk jgħidulek – mal-possibiltajiet konkreti tal-bniedem, wara li jitqiesu sewwa, skond it-toqol varju tagħhom, il-ħafna suriet ta' ġid li jkun hemm fin-nofs. Iżda x'inhuma "l-possibiltajiet konkreti tal-bniedem"? Dwar "liema" bniedem qed nitkellmu? Dwar bniedem *maħkum* mill-konkupixxenza jew dwar bniedem *mifdi minn Kristu?* Hi din il-problema li qegħdin inqisu: ir-*realtà* tal-fidwa ta' Kristu. *Kristu fdiena.* Dan ifisser li tana l-*possibiltà* li niksbu l-verità *kollha kemm hi* ta' l-eżistenza tagħna. Ħeles il-libertà tagħna mill-*ħakma* tal-konkupixxenza. U jekk il-bniedem mifdi jerġa' jidneb dan mhux għaliex l-opra tal-fidwa ta' Kristu m'hijiex perfetta, imma għaliex ir-*rieda* tal-bniedem twarrab lilha nfisha mill-għejun tal-grazzja li jfawwru mill-opra tal-fidwa. Il-kmandament ta' Alla hu żgur proporzjonat għal dak li hu kapaċi jagħmel il-bniedem: iżda l-bniedem li lilu ngħata l-Ispirtu Qaddis ta' Alla, il-bniedem li jekk dineb dejjem jista' jitlob maħfra u jitħenna bil-preżenza ta' l-Ispirtu". (Ġwann Pawlu II, Diskors lil dawk li ħadu sehem f'kors dwar tnissil responsabbli, fl-1 ta' Marzu 1984).

26. "L-ewwel pass verament meħtieġ biex il-bniedem jerġa' lura lejn Alla, hu li *jagħraf id-dnub tiegħu,* anzi – huwa u jgħarbel fil-fond x'inhu hu stess – li jagħraf li hu midneb, li jista' jidneb, li hu miġbud lejn id-dnub... Verament biex wieħed jerġa' jitħabbeb ma' Alla, jeħtieġlu qabel xejn, b'mod ċar u fehma soda, jinfatam mill-qagħda tad-dnub li fiha jkun waqa'. Jeħtieġlu jagħmel penitenza, fit-tifsir sħiħ ta' din il-kelma: jiġifieri jeħtieġ li jindem, juri li hu niedem, u jġib ruħu ta' bniedem niedem – l-imħabba kollha tiegħu trid tkun ta' min qabad it-triq biex jerġa' lura għand il-Missier... Jekk inqisu x'inhi tassew il-qagħda tal-midneb, nifhmu malajr li ma jistax ikun hemm vera konverżjoni, jekk il-bniedem ma jammettix li hu dineb: u hawn tidħol il-Knisja fil-każ ta' kull bniedem biex twasslu għall-penitenza, jiġifieri l-Knisja tindaħal biex twassal il-bniedem ħa jagħraf x'inhu fih innifsu" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. post-sinodali *Reconciliatio et Paenitentia,* 2 ta' Diċembru, 1904, n. 13.)

"Meta nintebħu li l-imħabba ta' Alla għalina ma tintemmx bid-dnub tagħna, ma titneħħiex bl-offiżi tagħna imma minflok jikber it-tħassib u l-qalb kbira tiegħu għalina; meta nagħrfu li din l-imħabba waslet sal-Passjoni u l-Mewt tal-Verb ta' Alla li aċċetta li jsir bniedem biex jifdina billi bid-demm tiegħu jħassar il-kont tad-dejn li kien hemm kontrina: imbagħad minn qalbna joħroġ dan il-kliem aħna u ngħidu; "Hekk hu: Alla hu għani bil-ħniena", anzi ngħidu: "Alla hu ħniena" *(ibid.* n. 22).

27. "Is-sejħa ta' kulħadd għall-qdusija hi sejħa li hi magħmula wkoll lill-miżżewġin u lill-ġenituri nsara: is-sura tagħha għalihom hi dik li juri s-Sagrament taż-żwieġ li jkun ġie ċelebrat u li huma jgħixu konkretament fil-ħajja tagħhom ta' kuljum bħala miżżewġin u fil-familja. Minn hawn tiġi l-ħtieġa u l-grazzja ta' *spiritwalità tassew għolja għall-miżżewġin u għall-familja,* li ssib l-ispirazzjoni tagħha fil-ħolqien, fil-patt taż-żwieġ, fis-salib, fil-qawmien mill-imwiet u fis-sinjal li hu ż-żwieġ" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembru, 1981, n. 56).

"L-imħabba vera bejn il-miżżewġin tingħaqad ma' l-imħabba ta' Alla, u hija msaħħa u mogħnija bil-qawwa feddejja ta' Kristu u bl-għemil ta' salvazzjoni tal-Knisja, biex il-miżżewġin jitwasslu tassew lejn Alla u jkollhom għajnuna u qawwa fil-missjoni għolja tagħhom ta' missirijiet u ommijiet. Għalhekk il-miżżewġin insara huma msaħħin u bħallikieku kkonsagrati b'sagrament speċjali ħa jaqdu d-dmirijiet u d-dinjità ta' l-istat tagħhom; u meta bil-qawwa ta' dan is-sagrament jaqdu d-dmir tagħhom bħala miżżewġin u fil-familja, mimlijin bl-ispirtu ta' Kristu li bih ħajjithom kollha timtela bil-fidi, bit-tama, u bl-imħabba, huma jersqu dejjem aktar lejn il-perfezzjoni tagħhom u t-tqaddis ta' xulxin, u għalhekk flimkien jagħtu glorja lil Alla" (Konċ. Vat. II, Kost. Past. *Gaudium et Spes,* 7 ta' Diċembru, 1965, n. 48).

28. "Il-Knisja temmen bil-qawwa kollha li l-ħajja tal-bniedem, ukoll jekk dgħajfa u batuta, hi dejjem don mill-isbaħ tat-tjieba ta' Alla. Kontra l-pessimiżmu u l-egoiżmu, li qegħdin idallmu d-dinja, il-Knisja hi favur il-ħajja, u f'kull ħajja tal-bniedem tara d-dija ta' dak l-"Amen" li hu Kristu stess. Għal "Le" li dieħla fid-dinja u qiegħda tnikkitha, il-Knisja twieġeb bl-"Iva" ħajja tagħha. B'hekk hi tħares il-bniedem u d-dinja minn kull ma jheddidlu ħajtu u jdgħajjifhielu" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembru, 1981, n. 30).

"Irridu mmorru lura għaż-żmien meta l-bniedem kien jara l-familja bħala *santwarju ta' ħajja.* Il-familja hi tassew xi ħaġa qaddisa; hi l-post fejn il-ħajja – li hi don ta' Alla – tiġi milqugħa sewwa u mħarsa minn kull theddid li jista' jkollha u tiżviluppa skond dak li hu tassew il-kobor tal-bniedem. Quddiem dik li qiegħda tissejjaħ il-kultura tal-mewt, il-familja hi l-qalba tal-kultura tal-ħajja" (Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Centesimus Annus,* 1 ta' Mejju, 1991, n. 39).

29. Ġwann Pawlu II, Ittra lill-Familji, *Gravissimum Sane,* 2 ta' Frar, 1994, n. 9.





30. "Alla nnifsu qal; 'Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu" (Ġen 2, 19) u 'sa mill-bidu... għamilhom raġel u mara' (Mt 19, 4), u ried jagħti lill-bniedem ċertu sehem speċjali fil-ħidma tiegħu tal-ħolqien u bierek ir-raġel u l-mara u qalilhom: 'Nisslu u oktru' (Ġen 1, 28). Għalhekk l-eżerċizzju veru ta' l-imħabba bejn il-miżżewġin u t-tifsira kollha tal-ħajja tal-familja li toħroġ minn din l-imħabba, mingħajr ma jitwarrbu fil-ġenb il-finijiet l-oħra taż-żwieġ, għandhom iwasslu biex il-miżżewġin ikunu lesti jikkoperaw b'kuraġġ ma' l-imħabba ta' Alla, Ħallieq u Salvatur, u li, permezz tagħhom, minn jum għall-ieħor, ikabbar u jimla bil-ġid il-familja tiegħu." (Konċ. Vat. II, Kost. Pat. *Gaudium et Spes,* 7 ta' Diċembru 1965, n. 50).

"Il-familja nisranija hi għaqda ta' persuni, xbieha tax-xirka tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-ħidma tal-famija għat-tnissil u l-edukazzjoni ta' l-ulied tirrifletti l-ħidma għall-ħolqien tal-Missier" *(Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 2205).

"Tissieħeb ma' Alla biex iġġib bnedmin ġodda fid-dinja jfisser li tkun qed tagħti sehmek biex iġġib is-sura u x-xbieha ta' Alla li għandu kull 'min hu mwieled minn mara'" (Ġwann Pawlu II, Ittra lill-Familji, *Gravissimum Sane,* 2 ta' Frar, 1994, n. 8).

31. Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Evangelium Vitae,* 25 ta' Marzu, 1995, n. 43; ara Konċ. Vat. II, Kost. past. *Gaudium et Spes,* 7 ta' Diċembru, 1965, n. 50.

32. "Il-miżżewġin għandhom iqisu bħala missjoni proprja tagħhom li jittrasmettu l-ħajja umana u li jedukaw 'l uliedhom; għandhom jintebħu li b'hekk qegħdin jikkoperaw ma' l-imħabba ta' Alla li ħalaqhom, u, b'xi mod, huma qegħdin ifissru din l-imħabba. Dan ifisser li għandhom jaqdu dan id-dmir tagħhom b'sens ta' responsabbiltà umana u nisranija; u jaslu biex jagħmlu ġudizzji tajba billi joqogħdu għar-rieda ta' Alla bir-rispett kollu, bi ħsieb u b'impenn flimkien; dan jitlob ukoll li jqiesu sewwa l-ġid tagħhom u l-ġid ta' l-ulied li ġa twieldu jew għad iridu jitwieldu, li jaqraw is-sinjali taż-żminijiet u tal-qagħda spiritwali u materjali tagħhom, u fl-aħħarnett iqiesu wkoll il-ġid tal-familja, tas-soċjetà u tal-Knisja. Huma l-istess miżżewġin li fl-aħħar mill-aħħar iridu jagħmlu dawn il-ġudizzji quddiem Alla. Il-miżżewġin għandhom jifhmu sewwa li fl-imġiba tagħhom mhux biżżejjed jagħmlu kull ma jfitlilhom, imma għandhom iħallu l-kuxjenza tagħhom tmexxihom – u l-kuxjenza tagħhom trid tkun taqbel mal-liġi ta' Alla fid-dawl tat-tagħlim tal-maġisteru tal-Knisja, li għandu s-setgħa li jfisser awtentikament il-liġi ta' Alla; din il-liġi ddawwal it-tifsir ta' l-imħabba fiż-żwieġ, tħarisha, u tmexxija biex issehħ b'mod li tassew jixraq lill-bniedem" (Konċ. Vat. II, Kost. past. *Gaudium et Spes,* 7 ta' Diċembru, 1965, n. 50).

"Meta niġu biex narmonizzaw flimkien l-imħabba tal-miżżewġin u t-trasmissjoni responsabbli tal-ħajja, mhux biżżejjed tqies biss l-intenzjoni tajba u s-siwi tal-motivi u r-raġunijiet li jkun hemm; iridu jintużaw kriterji oġġettivi,

kriterji li joħorġu min-natura tal-persuna umana u ta' għemilha, kriterji li jirrispettaw it-tifsir sħiħ ta' l-għoti lil xulxin tal-miżżewġin u tat-tnissil ta' bniedem f'kuntest ta' mħabba vera; dan jista' jseħħ biss jekk il-kastità fiż-żwieġ tkun imħarsa bis-serjetà kollha. F'kwistjonijiet kif tirregola t-twelid tat-tfal, ulied il-Knisja, b'fedeltà sħiħa lejn dawn il-prinċipji, ma jistgħux jużaw metodi li l-awtorità tal-Maġisteru tal-Knisja ma tapprovahomx" (*Ibid.*, n. 51).

"Il-paternità responsabbli, f'qagħdiet fiżiċi, ekonomiċi, psikoloġiċi u soċjali, titħaddem jew billi tittieħed deċiżjoni deliberata u ġeneruża li wieħed ikollu familja numeruża, jew billi tittieħed deċiżjoni, għar-raġunijiet u motivi gravi u b'rispett sħiħ lejn il-liġi morali, li wieħed jevita li jkollu xi twelid ġdid għal dak il-waqt jew ukoll għal perijodu ta' żmien mhux determinat.

"Il-paternità responsabbli titlob ukoll, u fuq kollox, relazzjoni mill-aktar għolja ma' l-ordni morali oġġettiv kif iffissat minn Alla, ordni li kuxjenza retta tfissru bil-fedeltà kollha. It-tħaddim tal-paternità responsabbli għalhekk jitlob li r-raġel u l-mara jagħrfu sewwa d-dmirijiet tagħhom lejn Alla, lejhom infushom, lejn il-familja u lejn is-soċjetà, f'ġerarkija korretta ta' valuri.

"Għalhekk il-miżżewġin, huma u jittrasmettu l-ħajja, ma jistgħux iġibu ruħhom kif jogħġobhom, bħallikieku jistgħu jiddeterminaw, b'mod għal kollox awtonomu, xi triq onesta jistgħu jaqbdu, iżda jridu jaraw li l-ħidma tagħhom tkun taqbel ma' l-intenzjoni kreattiva ta' Alla, imfissra fl-istess natura taż-żwieġ u f'kull għemil taż-żwieġ, kif dejjem ġie mxandar mit-tagħlim tal-Knisja" (Pawlu VI, Enċikl. *Humanae Vitae*, 25 ta' Lulju, 1968, 10).

L-enċiklika *Humanae Vitae* tiddikjara bħala ħażin u mhux permess "kull għemil li, jew qabel l-att taż-żwieġ, jew waqt l-att taż-żwieġ, jew huma u jseħħu l-konsegwenzi naturali ta' l-att taż-żwieġ, iwassal biex, kemm bħala għan u kemm bħala mezz , bla ebda mod, ma jkun hemm tnissil." L-enċiklika żżid tgħid: "Biex wieħed jiġġustifika att taż-żwieġ li jsir b'mod li ma jistax ikun hemm tnissil, ma għandux isemmi bħala raġuni valida li dan hu inqas ħażin, jew li dan l-att għandu jitqies bħala ħaġa waħda ma' atti oħra li jistgħu jġibu frott, kemm jekk ġa saru u kemm li għad isiru, u għalhekk għandu jitqies bħallikieku xi ħaġa waħda magħhom, u għalhekk għandu magħhom tjieba morali waħda u l-istess. Veru li xi kull tant wieħed ikollu jaċċetta xi ħaġa inqas ħażina biex tiġi evitata xi ħaġa aktar ħażina, jew biex isir xi ġid aqwa, iżda qatt ma hu permess, ukoll minħabba raġunijiet tassew gravi, tagħmel dak li hu ħażin biex minnu joħroġ it-tajjeb, jiġifieri tfittex li tagħmel xi ħaġa li fiha nfisha hi ħażina għal kollox u għalhekk bl-ebda mod ma tixraq lill-persuna umana, ukoll jekk il-ħsieb ikun li tħares u ġġib 'il quddiem il-ġid ta' l-individwu, tal-familja, tas-soċjetà. Għalhekk hu żball taħseb li l-att taż-żwieġ magħmul bil-ħsieb li ma jħallix tnissil u għalhekk hu fih innifsu ħażin, ma jistax isir tajjeb u sewwa għax fil-ħajja taż-żwieġ hemm ukoll għadd ta' għemejjel li jistgħu jħallu tnissil" (Pawlu VI, Enċikl. *Humanae Vitae*, 25 ta' Lulju, 1968, n. 14).





Meta l-miżżewġin, bl-użu tal-kontraċettivi, jifirdu minn xulxin iż-żewġ tifsiriet li Alla l-Ħallieq qiegħed fink-natura stess tar-raġel u l-mara u fl-għemil li jwassal għall-għaqda sesswali tagħhom, huma jkunu jġibu ruħhom bħala "arbitri" tal-pjan ta' Alla, u jkunu qed "jgħawġu" u jbaxxu s-sesswalità tal-bniedem u b'hekk ibaxxu wkoll kemm lilhom infushom u kemm il-parti l-oħra bħala persuna għax ibiddlu s-siwi ta' l-għoti "sħiħ" tagħhom lil xulxin. F'lok it-tifsir naturali ta' l-għoti sħiħ tagħhom kollhom kemm huma fir-ruħ u l-ġisem, l-użu tal-kontraċettivi jdaħħal tifsir ieħor għal kollox kuntrarju fih innifsu għal dan it-tifsir naturali, dak jiġifieri li l-għoti lil xulxin mhux kollu kemm hu, mhux sħiħ. Minn dan jiġi li wieħed mhux biss ikun jiċħad bid-dieher il-ftuħ għall-ħajja, imma wkoll ikun qiegħed jiffalsifika l-verità fiha nfisha ta' l-imħabba tal-miżżewġin, li fiha nfisha titlob li l-miżżewġin jagħtu ruħhom lil xulxin bħala persuni, fir-ruħ u fil-ġisem" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. *Familiaris Consortio*, 22 ta' Novembru 1981, n. 32).

34. "Il-bniedem għandu jkun rispettat u trattat bħala persuna sa mill-ewwel mument tat-tnissil tiegħu. Għalhekk minn dak il-mument stess għandhom jingħarfulu d-drittijiet tiegħu bħala persuna, u l-aqwa dritt, dritt li qatt ma jista' jiġi nieqes, dak tal-ħajja ta' kull bniedem innoċenti" (Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Istruzzjoni dwar ir-rispett għall-ħajja tal-bniedem fil-bidu tagħha u dwar id-dinjità tat-tnissil, *Donum vitae*, 22 ta' Frar, 1987, n. 1).

"Ir-rabta intima li hemm fil-mentalità tan-nies bejn il-prattika tal-kontraċċezzjoni u l-prattika ta' l-abort qed toħroġ dejjem aktar, u dan juriħ b'mod li jħasseb l-iżvilupp ta' prodotti kimiċi, diżpożittivi intra-uterini u vaċċini li qed jitqassmu bl-istess faċilità kif qed jitqassmu l-kontraċettivi li fil-fatt qed iwasslu għall-abort fl-ewwel passi ta' l-iżvilupp tal-ħajja tal-bniedem ġdid" (Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Evangelium Vitae* 25 ta' Marzu, 1995, n. 13).

35. "Jekk mela jkun hemm raġunijiet serji biex jitwal iż–żmien bejn twelid u ieħor, raġunijiet ġejjin mill-qagħda fiżika jew psikoloġika tar-raġel u tal-mara, jew minn kundizzjonijiet esterni, il-Knisja tgħallem li fil-każ hu permess li jitqiesu r-ritmi naturali li jinsabu fil-funzjonijiet ġenerattivi, biex l-att taż-żwieġ isir biss f'perijodi li fihom ma jkunx hemm tnissil, u b'dan il-mod jiġi ppjanifikat it-twelid mingħajr il-ksur tal-prinċipji morali, imsemmijin aktar 'il fuq".

"Il-Knisja tkun fi qbil magħha nfisha meta tqies li wieħed jista' jagħmel l-att taż-żwieġ biss f'perijodi li ma jistax ikun hemm tnissil, waqt li tikkundanna bħala ħaġa li qatt ma hi permessa l-użu ta' mezzi direttament kuntrarji għat-tnissil, ukoll jekk ikunu jidhru li huma onesti u serji. Fil-fatt hemm differenzi esenzjali bejn iż-żewġ każi: fl-ewwel każ il-miżżewġin qed jagħmlu użu leġittimu ta' dispożizjoni naturali, waqt li fit-tieni każ ikunu qed ifixklu l-iżvilupp ta' proċess naturali. Veru li kemm fl-ewwel każ u kemm fl-ieħor il-miżżewġin jaqblu bejniethom fir-rieda li ma jkollhomx tfal għal raġunijiet

tajba, u għalhekk qed ifittxu mezzi li jkunu żguri li ma jkunx hemm tnissil, iżda hu veru wkoll li fl-ewwel każ biss jistgħu jiċċaħħdu mill-użu taż-żwieġ f'perijodu li fih jista' jkun hemm tnissil meta, għar-raġunijiet ġusti, it-tnissil mhux mixtieq, waqt li jagħmlu użu miż-żwieġ f'perijodi fejn ma jistax ikun hemm tnissil, biex juru mħabbithom għal xulxin u jħarsu l-fedeltà lejn xulxin. Meta jkunu jagħmlu dan, ikunu qed jagħtu xhieda ta' vera mħabba, sħiħa u onesta" (Pawlu VI, Enċikl. *Humanae Vitae,* 25 ta' Lulju 1968, n. 16).

"Meta, imbagħad, il-miżżewġin jagħmlu l-att taż-żwieġ fi żminijiet li fihom ma jistax ikun hemm tnissil, huma jkunu qegħdin iħarsu r-rabta li qatt ma għandha tiġi nieqsa bejn iż-żewġ tifsiriet ta' l-att taż-żwieġ, li bih il-miżżewġin isiru "ġisem wieħed" u jnisslu l-ħajja. B'hekk ikunu jġibu ruħhom bħala "ministri" tal-pjan ta' Alla u jkunu "jagħmlu użu" mis-sesswalità tagħhom kif jitlob l-att taż-żwieġ min-natura tiegħu bħala għoti sħiħ tal-miżżewġin lil xulxin, kollhom kemm huma, bla ebda "manipulazzjoni" jew "tibdil" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembru, 1981, n. 32).

"Il-ħidma ta' edukazzjoni għall-ħajja titlob *il-formazzjoni tal-miżżewġin fi tnissil responsabbli.* Din il-formazzjoni, fit-tisir veru tagħha, titlob li l-miżżewġin joqogħdu għas-sejħa tal-Mulej u jġibu ruħhom bħala nies li qed ifissru fedelment il-pjan tiegħu: dan iseħħ jekk b'qalb kbira jiftħu l-familja tagħhom għall-ħajjiet ġodda, u dejjem jibqgħu f'qagħda ta' ftuħ u ta' qadi għall-ħajja wkoll meta, minħabba raġunijiet serji, u b'rispett għal-liġi morali, il-miżżewġin jagħżlu li, għal xi żmien jew għal żmien mhux determinat, jiċċaħħdu minn twelid ġdid. Il-liġi morali tobbligahom dejjem li jikkontrollaw il-ġibdiet ta' l-istint u tal-passjonijiet u jirrispettaw il-liġijiet bjoloġiċi fil-persuna tagħhom. Hu proprju dan ir-rispett li, fil-qadi tar-responsabbiltà fit-tnissil, ikunu jistgħu jirrikorru leġittimament *għall-metodi naturali li jikkontrollaw il-fertilità* (Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Evangelium Vitae,* 25 ta' Marzu, 1995, n. 97).

36. Ġwann Pawlu II, Enċikl.*Dives in misericordia,* 30 ta' Novembru, 1980, n. 6.

37. "Is-saċerdot, bħala ministru tal-Penitenza, l-istess bħal meta jkun fuq l-artal imqaddes jew jiċċelebra s-sagramenti l-oħra, dak li jkun jagħmel, jagħmlu *in persona Christi.* Kristu li hu preżenti permezz tas-saċerdot u li permezz tas-saċerdot jagħti l-maħfra tad-dnubiet, hu dak Kristu li jidher bħala hu l-bniedem, il-Qassis il-Kbir, ħanin fidil u jagħder, ir-Ragħaj li jfittex in-nagħġa li ntilfitlu, it-tabib li jfejjaq u jfarraġ, l-imgħallem il-waħdieni li jgħallem il-verità u juri t-triq li twassal għand il-Missier, l-imħallef tal-ħajjin u tal-mejtin, li ma jagħmilx ħaqq biss skond ma jidher" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. post-sinodali *Reconciliatio et Paenitentia,* 2 ta' Diċembru 1984, n. 29).

"Is-saċerdot, huwa u jiċċelebra s-sagrament tal-Penitenza, ikun jaqdi l-ministeru tar-Ragħaj it-tajjeb li jfittex in-nagħġa mitlufa, tas-Samaritan it-





tajjeb li jdewwi l-ġerħat, tal-Missier li jistenna l-iben il-ħali jerġa' lura u jilqgħu fi ħdanu, l-imħallef ġust li ma jħarisx lejn wiċċ in-nies u jagħmel il-ħaqq skond il-ġustizzja u l-ħniena. F'kelma waħda, is-saċerdot hu sinjal u strument ta' l-imħabba kollha ħniena ta' Alla għall-midneb" *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1465).

38. Ara Kongregazzjoni tas-Sant'Uffiċċju, *Normae quaedam de agendi ratione confessariorum circa sextum Decalogi praeceptum.,* 16 ta' Mejju, 1943.

39. "Is-saċerdoti huwa u jagħmel mistoqsijiet lill-penitent għandu jġib ruħu bil-għaqal u d-diskrezzjoni, b'attenzjoni sħiħa għall-qagħda u l-età tal-penitent, u għandu jżomm ruħu dejjem lura u ma jistaqsix isem il-kompliċi" *(Kodiċi tad-Dritt Kanoniku,* kan. 979).

"Għalhekk id-dixxiplina tal-Knisja fil-fatt għandha tkun dejjem marbuta u qatt mifruda mid-duttrina tagħha. Intenni għalhekk jbl-istess konvinzjoni dak li qal il-Papa ta' qabli: 'Tintwera sura mill-aqwa ta' mħabba għall-erwieħ meta ma jitnaqqas xejn mit-tagħlim ta' Kristu għas-salvazzjoni'" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembru, 1981, n. 33).

40. Ara Denzinger-Schonmetzer, *Enrichidion Symbolorum,* 3187.

41. "L-istqarrija tad-dnubiet lis-saċerdot hi parti essenzjali tas-Sagrament tal-Penitenza. 'Il-penitenti fil-qrar għandhom isemmu d-dnubiet kollha mejta li jafu li għamlu wara sttħarriġ serju tagħhom infushom, ukoll jekk id-dnubiet ma huma bla ebda mod magħrufin minn ħadd jew huma dnubiet biss kontra l-aħħar żewġ kmandamenti għax dawn id-dnubiet iġerrħu b'mod aktar serju lir-ruħ u huma aktar perikolużi għax isiru mingħajr ma ħadd ikun jaf bihom" *(Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* n. 1456).

42. "Iżda – għall-kuntrarju – jekk l-injoranza ma tistax tintrebaħ jew wieħed mhux responsabbli tal-ġudizzju żbaljat li jagħmel, dan ma jistax ikun ħati tal-ħażen u tad-deni li jsir. Imma dan dejjem jibqa' ħaġa ħażina, diżordni. Għalhekk wieħed jeħtieġlu jaħdem biex jikkoreġi l-kuxjenza morali mill-iżbalji tagħha."

"Jista' jiġri li l-ħażen magħmul minħabba injoranza invinċibbli jew minn żball ta' ġudizzju li sar mingħajr ħtija, ma jkunx mixli bih min għamlu, iżda b'daqshekk dan ma jfissirx li l-għemil ma jibqax ħażin, jiġifieri għemil li jmur kontra l-ordni tal-verità ta' dak li hu tajjeb" (Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Veritatis Splendor,* 8 ta' Awissu, 1993, n. 63).

43. Il-miżżewġin ukoll fil-qasam tal-ħajja morali tagħhom, huma msejħin biex jimxu dejjem 'il quddiem, imqawwijin minn xewqa sinċiera u ħabrieka li jagħrfu dejjem aħjar il-valuri li l-liġi ta' Alla tħares u ġġib 'il quddiem, u hu mir-rieda tajba u ġeneruża tagħhom li dawn il-valuri jseħħu fil-fatt fl-għażliet kollha li jagħmlu. Iżda m'għandhomx iħarsu lejn il-liġi biss bħala xi ideal li għandu jintlaħaq biss fil-ġejjieni, imma għandhom iqisuha bħala kmandament ta' Kristu l-Mulej li jordnalhom jegħlbu, bl-impenn kollu tagħhom, id-diffikultajiet li jinqalgħu. "Għalhekk il-liġi tal-gradwalita m'hijiex

l-istess ħaġa bħall-gradwalità tal-liġi, bħallikieku l-liġi ta' Alla għandha ħafna suriet u m'hijiex imħarsa bl-istess mod kullimkien. Madankollu kemm tiġi mħarsa jiddependi miċ-ċirkostanzi diversi li fihom ikun jinsab il-bniedem. Il-miżżewġin kollha huma msejħin għall-qdusija fiż-żwieġ, u dan isehh jekk il-bniedem lest iwieġeb għall-kmandament ta' Alla bis-sinċerita kollha, b'tama sħiħa fil-grazzja ta' Alla u fir-rieda tiegħu'. Hekk ukoll il-Knisja, fid-dixiplina tagħha, trid li l-miżżewġin għandhom, qabel xejn, jagħrfu b'mod ċar li t-tagħlim ta' l-*Humanae Vitae* qisu għalihom regula li tmexxihom fl-użu tas-sesswalità tagħhom u għalhekk, bis-sinċerità kollha, għandhom iħabirku biex ikun hemm il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ħarsien ta' din ir-regola" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembru 1981, n. 34).

44. "Fid-dawl ta' dan, naraw li hemm post għall-*ħniena ta' Alla* għad-dnub tal-bniedem li jagħmel penitenza għalih, u għarfien ukoll għad-*dgħufija* tal-bniedem. Dan l-għarfien qatt ma jfisser kompromess jew tibdil fil-qjies ta' dak li hu tajjeb u ta' dak li hu ħażin, jew biex jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi. Jekk il-bniedem meta jidneb jista' jagħraf id-dgħufija tiegħu u jitlob ħniena għall-ħtija li jagħmel, m'għandniex inqisu tajba l-imġiba ta' dak li jagħmel id-dgħufija tiegħu norma u ġudizzju dwar dak li hu tajjeb, hekk li jħoss li hu stess jista' jiskuża lilu nnifsu, mingħajr ma jitlob l-għajnuna ta' Alla u l-ħniena tiegħu. Din l-imġiba tħassar il-moralità tas-soċjeta kollha, għaliex tħajjar għad-dubju dwar il-verità universali tal-liġi morali u tiċħad il-projbizzjoni morali assoluta dwar l-għemejjel speċifiċi tal-bniedem u twassal għal taħwid sħiħ fil-valuri" (Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Veritatis Splendor,* 8 ta' Awissu, 1993, n. 1904).

45. "Jekk il-konfessur jiddubita dwar id-dispożizzjoni tal-penitent li qed jitlob l-assoluzzjoni, din m'għandhiex tiġi rifjutata u mħollija għal darb'oħra (*Kodiċi tad-Dritt Kanoniku* kan 980).

46. "Il-Knisja mqaddsa taf sewwa li spiss waħda mill-partijiet aktar milli tidneb hi, isir dnub kontriha, meta għal xi raġuni gravi din il-parti kontra qalbha tħalli li jsir għemil għal kollox kuntrarju għall-ordni ġust. F'każ bħal dan m'hemmx dnub jekk il-parti li tkun, hija u tħares il-liġi ta' l-imħabba, ma tittraskurax li tfittex okkażjonijiet ħa tikkonvinċi lill-parti l-oħra, biex ma tidnibx jew iżżomm ruħha 'l bogħod mid-dnub" (Piju XI, Enċikl. *Casti Connubii* (1930), n. 561).

47. Ara Denzinger-Schonmetzer, *Enchiridion Symbolorum,* 2795, 3634.

48. "Skond il-liġi morali, qatt ma hi permessa kollaborazzjoni formali f'dak li hu ħażin. Din il-kollaborazzjoni sseħħ meta l-għemil li jsir, mill-istess natura tiegħu jew mis-sura li jieħu f'qagħda konkreta, jitqies bħala parteċipazzjoni diretta f'att kontra ħajja umana innoċenti jew sehem fl-intenzjoni immorali ta' min qed jagħmilha" (Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Evanġelium Vitae,* 25 ta' Marzu 1995, n. 74).





"Din id-dixxiplina li hi proprja tas-safa tal-koppji miżżewġin, aktar milli hi ta' ħsara għall-imħabba fiż-żwieġ, tagħtiha valur umana aktar għoli. Titlob sforz li ma jaqta' qatt, iżda minħabba l-influwenza benefika tagħha, ir-raġel u l-mara fiż-żwieġ jiżviluppaw sewwa l-personalità tagħhom, u jistagħnu b'valuri spiritwali. Din id-dixxiplina tagħti hena u sliem lill-ħajja tal-familja u tgħin biex jinħollu problemi oħra; twassal biex tingħata aktar attenzjoni lill-parti l-oħra, tgħin liż-żewġ partijiet biex ibegħdu minnhom kull egoiżmu, li hu l-għadu ta' l-imħabba vera, u tqawwi s-sens tagħhom ta' responsabbiltà. Permezz tagħha, il-ġenituri jiksbu ħila biex l-influwenza tagħhom fuq l-edukazzjoni ta' wliedhom tkun aktar fil-fond u aktar qawwija: it-tfal u ż-żgħażagħ jikbru huma u jaraw is-siwi tal-valuri umani fl-iżvilupp ħieni u ordnat tal-fakultajiet spiritwali u sensittivi tagħhom" (Pawlu VI, Enċikl. *Humanae Vitae,* 25 ta' Lulju 1968, n. 21).

50. "Għas-saċerdoti l-ewwel dmir - speċjalment għal dawk li jgħallmu t-teoloġija morali – hu dak li jfissru t-tagħlim tal-Knisja fuq iż-żwieġ b'mod l-aktar ċar, bla ambigwità. Kunu intom l-ewwel, intom u taqdu l-ministeru tagħkom, li tagħtu eżempju ta' ubbidjenza leali, interna u esterna, għall-awtorità tal-Maġisteru tal-Knisja. Kif tafu sewwa, intom obbligati għall-ubbidjenza mhux biss minħabba r-raġunijiet imsemmija, imma l-aktar għax id-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu, li jingħata b'mod partikulari lir-rgħajja tal-Knisja, biex ikunu jistgħu jfissru l-verità. Intom tafu wkoll li hi ħaġa importanti ħafna għall-paċi fil-kuxjenzi u għall-għaqda tal-poplu nisrani, li fil-qasam tal-morali, l-istess bħalma hemm fil-qasam tad-dommatika, kulħadd għandu joqgħod għall-Maġisteru tal-Knisja, u jitkellem bħalu. Għalhekk, b'qalbna kollha, nitlobkom bl-istess ħerqa ta' l-Appostlu San Pawl: "Nitolbkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, li tkunu lkoll fehma waħda u li ma jkunx hemm firdiet fostkom, imma tkunu lkoll ta' fehma waħda u ta' ġudizzju wieħed'.

"Hu sinjal mill-aqwa ta' mħabba għall-erwieħ, jekk ma tnaqqas xejn mit-tagħlim fejjiedi ta' Kristu. Iżda dan it-tagħlim irid ikun imsieħeb ma' sabar u tjieba, kif kien jimxi l-Mulej fir-relazzjonijiet tiegħu mal-bnedmin. Hu ġie mhux biex jagħmel ħaqq, imma biex isalva. Kien, iva, intransiġenti mal-ħażen, imma kollu ħniena ma' l-individwi" (Pawlu VI, *Humanae Vitae,* 25 ta' Lulju 1968, nn. 28-29).

51. "Quddiem il-problema tal-pjanifikazzjoni, skond is-sewwa tat-twelid tat-tfal li jiġu fid-dinja, il-komunità ekklesjali, fiż-żmien ta' llum, trid titgħabba bid-dmir li twassal għall-konvinzjoni sħiħa u tgħin bil-fatti lil dawk kollha li jridu jgħixu l-ħajja ta' missirijiet u ommijiet b'mod verament responsabbli.

"F'din il-ħaġa l-Knisja tieħu pjaċir bir-riżultati li x-xjenza qiegħda tikseb fit-tħabrik tagħha ħa jkunu magħrufin aħjar u b'mod aktar preċiż, il-mumenti li fihom il-mara tista' tnissel, u tħeġġeġ biex dawn l-istudji jiżdiedu u jitwessgħu dejjem aktar. Iżda l-Knisja ma tistax ma tistedinx, b'ħeġġa dejjem aqwa, lil

dawk kollha – tobba, esperti, *marriage counsellors,* edukaturi, u l-istess miżżewġin – biex bil-fatti jgħinu lill-miżżewġin jgħixu mħabbithom b'rispett sħiħ għall-istruttura u għall-għan ta' l-att taż-żwieġ li bih tintwera. Dan ifisser impenn akbar, aktar deċiżiv u aktar ordnat, biex il-metodi naturali li jirregolaw il-fertilità tal-mara jkunu magħrufin, stmati u użati.

"Xhieda tassew siewja tista' u għandha tingħata minn dawk il-miżżewġin li permezz ta' ftehim bejniethom li ma jagħmlux l-att taż-żwieġ f'ċerti ġranet, waslu għall-milja tar-responsabbiltà tagħhom bħala persuni f'kull ma għandu x'jaqsam ma' l-imħabba u l-ħajja. Kif kiteb Papa Pawlu VI: 'Lilhom il-Mulej jafda ħidma li juru lill-bnedmin il-qdusija u l-ħlewwa tal-liġi li biha l-imħabba tal-miżżewġin għal xulxin tintrabat mal-ħidma ta' l-għajnuna li jagħtu lill-imħabba ta' Alla li joħloq il-ħajja tal-bniedem" (Ġwann Pawlu II, Eżort. App. *Familiaris Consortio,* 22 ta' Novembru 1981, n. 35).

52. "Sa mill-ewwel seklu l-Knisja għallmet li kull abort prokurat hu ħażin moralment. Dan it-tagħlim ma tbiddilx. Jibqa' dejjem l-istess. L-abort dirett, jiġifieri kemm jekk wieħed iridu għalih innifsu, u kemm jekk iridu bħala mezz għal xi ħaġa oħra, hu dejjem kontra l-liġi morali b'mod gravi" *(Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* n. 2271; ara Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Dikjarazzjoni dwar abort prokurat, 18 ta' Novembru, 1974).

"Il-gravità morali ta' l-abort prokurat tidher fil-verità sħiħa tagħha meta jingħaraf li l-abort hu omiċidju u, b'mod partikulari, jekk jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi li juru x'inhu. Dak li jinqered hu persuna umana fil-bidu tal-ħajja tagħha, jiġifieri persuna li *aktar innoċenti* minnha qatt ma jista' jkun hemm ħaddieħor" (Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Evangelium Vitae* 25 ta' Marzu, 1995, n. 58).

53. Wieħed għandu dejjem jiftakar li l-fakoltà ta' l-assoluzzjoni "in foro interno" f'din il-ħaġa, "ipso iure", l-istess kif hu għal kull ċensura oħra mhux riżervata lis-Santa Sede u mhux dikjarata, tista' tingħata minn kull isqof ukoll jekk biss isqof titulari, u mill-penitenzjier djoċesan jew kolleġġjali, u wkoll mill-kappillan ta' sptarijiet, ħabsijiet u vjaġġaturi (kan. 566 # 2). Il-konfessuri li huma membri ta' Ordnijiet mendikanti u ta' xi Kongregazzjonijiet reliġjużi oħra, bi privileġġ, jistgħu jassolvu biss miċ-ċensura ta' l-abort.

54. Ara Ġwann Pawlu II, Enċikl. *Dives in misericordia,* 30 ta' Novembru, 1980, n. 14.